

Brussell, 14 ta' Settembru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0226 (COD)

12181/17
ADD 2

DROIPEN 120
CYBER 126
JAI 784
TELECOM 206
MI 626
IA 138
CODEC 1400

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Settembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2017) 299 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal- Kunsill 2001/413/JHA

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2017) 299 final.

Mehmuż: SWD(2017) 299 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.9.2017
SWD(2017) 299 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA

{COM(2017) 489 final}
{SWD(2017) 298 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt ta' proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-iffalsifikar ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti.
A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni
X'inhi l-problema u għalfejn hija problema fil-livell tal-UE?
Ġew identifikati tliet problemi bħala l-motivaturi ta' frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti: 1. Ċerti reati ma jistgħux jiġu investigati u pproċessati b'mod effettiv bil-qafas legali attwali. 2. Ċerti reati ma jistgħux jiġu investigati u pproċessati b'mod effettiv minħabba ostakli operazzjonali. 3. Il-kriminali jieħdu vantaġġ minn lakuni fil-prevenzjoni biex iwettqu frodi. Il-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti hija theddida għas-sigurtà (hija sors ta' dħul għall-kriminalità organizzata u b'hekk tippermetti t-twettiq ta' attivitajiet kriminali oħrajn bħalma huma t-terroriżmu, it-traffikar tad-drogi u t-traffikar tal-bnedmin). Barra minn hekk, hija ostaklu għas-suq uniku diġitali (iddgħajjef il-fiduċja tal-konsumaturi u tikkawża telf ekonomiku dirett).
X'għandu jinkiseb?
Żewġ objettivi ġenerali: • Tissaħħaħ is-sigurtà, billi titnaqqas l-attraenza (jiġifieri jonqos il-qliġ, jiżdied ir-riskju) għall-gruppi tal-kriminalità organizzata tal-frodi ta' pagamenti bi flus mhux kontanti bħala sors ta' dħul. • Jingħata appoġġ lis-suq uniku diġitali, billi tiżdied il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji fil-proċessi ta' pagament kif ukoll billi jitnaqqas it-telf dirett ikkawżat mill-frodi tal-pagamenti mhux bi flus kontanti. Tliet objettivi sġeċifiċi: • Jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ qafas ta' politika / legali ċar, robust u teknoloġikament newtrali. • Jiġu eliminati l-ostakli operazzjonali li jfixxlu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni. • Titjieb il-prevenzjoni.
X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?
Il-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti għandha dimensjoni transfruntiera importanti. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux effettivament jikkumbattuha fuq livell individwali jew b'mod mhux koordinat ma' pajjiżi oħra. L-azzjoni tal-UE tiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi mhux l-UE peress li d-dimensjoni internazzjonali tal-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti spiss tmur lil hinn mill-fruntieri tal-UE.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-opzjonijiet differenti biex jintlaħqu dawn l-objettivi? Hemm opzjoni preferuta jew le? Jekk le, għaliex?
Opzjoni A: titjieb l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE u tiġi ffaċilitata l-awtoregolamentazzjoni għall-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat. Opzjoni B: jiġi introdott qafas leġislattiv ġdid u tiġi ffaċilitata l-awtoregolamentazzjoni għall-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat. Opzjoni C: l-istess bħal opzjoni B imma b'dispożizzjonijiet dwar l-inkoraġġiment tar-rappurtar għal kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat minflok l-awtoregolamentazzjoni, u dispożizzjonijiet ġodda dwar is-sensibilizzazzjoni. Opzjoni D: l-istess bħall-opzjoni C iżda b'dispożizzjonijiet addizzjonali ta' ġuriżdiżjoni li jikkomplementaw l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea u r-regoli ta' mandat ta' inibizzjoni. L-opzjoni C hija l-preferuta, kemm kwalitattivament kif ukoll f'termini ta' spejjeż u benefiċċji.
X'inhuma l-opinjonijiet tad-diversi partijiet ikkonċernati? Min jappoġġa liema opzjoni?

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati esprimew dubji dwar ir-rilevanza, l-effettività u l-valur miżjud tal-qafas legali attwali (id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/JHA li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti). B'mod partikolari, il-partijiet ikkonċernati qablu li d-definizzjonijiet inklużi fid-Deċiżjoni Qafas mhumex aġġornati (b'mod partikolari, l-esperti tal-awtoritajiet ġudizzjarji indikaw il-każ tal-muniti virtwali; dan kellu wkoll appoġġ wiesa' mill-opinjoni tal-individwi u l-partijiet ikkonċernati matul il-konsultazzjoni pubblika miftuħa) u li għandhom jiġu kkunsidrati reati ġodda mhux inklużi fil-leġiżlazzjoni (esperti mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji indikaw b'mod partikolari il-bejgħ, l-akkwiżizzjoni jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' kredenzjali misruqa; dan kellu wkoll appoġġ wiesa' mill-kontributi li waslu matul il-konsultazzjoni pubblika miftuħa). Il-partijiet ikkonċernati indikaw il-bżonn li titjieb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-settur pubbliku. Il-partijiet ikkonċernati mill-istituzzjonijiet finanzjarji u partijiet privati oħra (pereż. n-negozjanti) ilmentaw dwar in-nuqqas ta' ċertezza legali, li xxekkilmhom milli jkunu jistgħu jikkondividu informazzjoni, filwaqt li esperti mill-infurzar tal-liġi osservaw li ż-żmien meħtieġ sabiex tinkiseb l-informazzjoni ma jippermettix li ssir investigazzjoni effettiva tar-reat.
C. L-impatti tal-opzjoni preferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-opzjoni preferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)? Din l-inizjattiva mistennija twitti t-triq lejn azzjoni ta' infurzar tal-liġi aktar effettiva u effiċjenti kontra l-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti, permezz ta' applikazzjoni aktar koerenti tar-regoli madwar l-UE, kooperazzjoni transfruntiera aħjar u kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn is-settur pubbliku u dak privat u skambju ta' informazzjoni. L-inizjattiva għandha tinkoraġġixxi wkoll il-fiduċja fis-suq uniku diġitali, billi titjieb is-sigurtà.
X'inhuma l-ispejjeż tal-opzjoni preferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)? - L-ispejjeż għall-Istati Membri biex tiġi elaborata u implimentata inizjattiva ġdida huma stmati li jkunu madwar EUR 561 000 (ta' darba). - L-ispejjeż kontinwi għall-implimentazzjoni u l-infurzar għall-Istati Membri huma stmati li jkunu EUR 2 285 140 fis-sena (it-total għall-Istati Membri kollha).
X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività? Peress li l-proposta ma tipprevedi l-ebda regola mandatorja dwar ir-rappurtar, ma għandux ikun hemm impatt f'dak li jirrigwarda spejjeż addizzjonali għan-negozji, inklużi l-SMEs. Id-dispożizzjonijiet l-oħra li jkunu inklużi fil-proposta wkoll ma għandhomx effett fuq l-SMEs.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Kollox ma' kollox, l-impatt kumulattiv tal-miżuri proposti fuq l-ispejjeż amministrattivi u finanzjarji, mistenni li jkun oġġettabbli mil-livelli attwali, hekk kif l-għadd ta' każijiet li jkollhom jiġu investigati se jpoġġi pressjoni fuq ir-riżorsi tal-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam, li jkollhom bżonn jiżdiedu. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan huma: • definizzjoni usa' tal-mezzi ta' pagament u tar-reati addizzjonali li jkollhom jiġu indirizzati (atti preparatorji) x'aktarx li żżid l-għadd ta' każijiet li huma responsabbli għalihom il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji; • ikunu meħtieġa riżorsi addizzjonali biex tiżdied il-kooperazzjoni transfruntiera; • obbligu għall-Istati Membri biex jiġbru l-istatistika joħloq piż amministrattiv addizzjonali. Min-naħa l-oħra, l-istabbiliment ta' qafas legali ċar biex jindirizza l-faċilitaturi għall-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti jipprovdi opportunità għad-detezzjoni, l-ipproċessar u s-sanzjonar ta' attivitajiet relatati mal-frodi minn punt aktar bikri. Barra minn hekk, filwaqt li t-tiżni tal-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat għandu kost f'termini ta' riżorsi, ir-redditu fuq l-investiment f'termini ta' effettività u effiċjenza tal-azzjoni tal-infurzar tal-liġi huwa immedjat.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? L-ebda impatt ambjentali sinifikanti jew impatt fuq il-livell ġenerali tal-impjegi fil-livell tal-UE. Billi ssaħħaħ il-koerenza mar-regoli eżistenti (pereż. id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament¹), l-inizjattiva se toħloq sinerġiji fir-rigward tal-protezzjoni tal-istrumenti ta' pagament mhux bi flus kontanti.
Proporzjonalità?

¹ [Id-Direttiva \(UE\) 2015/2366](#) tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE.

L-opzjoni preferuta tintroduċi sett minimu ta' definizzjonijiet, livell minimu ta' sanzjonijiet massimi u drittijiet għall-vittmi. Għalhekk, l-Istati Membri jżommu ammont ta' diskrezzjoni fl-iffissar tal-livelli tas-sanzjonijiet. Bl-istess mod, l-Istat Membri jkunu jistgħu jagħtu drittijiet aktar favorevoli lill-vittmi tal-frodi ta' pagament mhux bi flus kontanti. L-opzjoni preferuta ma timponix obbligi sproporzjonati fuq is-settur privat (inklużi l-SMEs) u fuq iċ-ċittadini, peress li ma timponix obbligi ta' rraportar. Fl-aħħar nett, l-istrument magħżul huwa direttiva, li tagħti lill-Istati Membri flessibilità f'termini ta' implimentazzjoni. L-opzjoni preferuta ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex tissolva l-problema oriġinali u tissodisfa l-oġġettivi identifikati għall-intervent tal-UE.
D. Segwitu
Il-politika meta se tiġi rieżaminata?
Il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-implimentazzjoni ta' proposta dwar il-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti fir-rigward ta' x'inkiseb permezz tal-oġġettivi ta' politika identifikati fil-valutazzjoni tal-impatt. Din l-evalwazzjoni għandha ssir sitt snin wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-att leġiżlattiv biex ikun żgurat li jkun hemm perjodu twil biżżejjed biex jiġu evalwati l-effetti tal-inizjattiva wara li tkun ġiet kompletament implimentata fl-Istati Membri kollha.